# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 90/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**John Debono**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, John Debono, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 774352M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Gunju, 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Carmela Xerri, is-somma ta' €70 fix-xahar, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imsemmi imputat John Debono hati tal-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu s-sejbien ta' htija izda li tirrevoka u thassar il-piena billi tigi applikata piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta mis-sentenza appellata kwantu ll-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tieghu kellha tkun wahda aktar miti stante li r-raguni ghaliex ma hallasx il-manteniment hija dovuta ghal-ragunijet ta' sahha li jimpeduh milli jahdem kif ukoll minhabba li l-bedni tieghu huma sekwestarti f'idejn kredituri u banek;
2. Illi fis-seduta tal-lum, l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni;
3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik

il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabitu hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' gimgha detenzzjoni u minflok tikkudnannah ghal-twiddiba.